

MISSION FUND

# IL-MISSJUNARJU

**NEWSPAPER POST** | *Ħarġa Nru: 128* | *Ġunju – Awissu 2020*

## IL-MULEJ GĦAMEL MIEGĦI ĦWEJJEĠ KBAR

*Mons Giovanni Cefai MSSP*

Il-Milied tal-2019 kien għalija wieħed uniku li se nibqa' niftakru tul ħajti kollha. Kien l-ewwel Milied għalija bħala Isqof ta' Huancanè, post muntanjuż 4,000 km 'l fuq mill-baħar, b'ħafna villaġġi ċkejknin imferrxin fuq territorju kbir 50 darba daqs Malta u b'temperatura li tinżel sa 10 gradi taħt iz-zero. Stħajjiltni qed ngħix fi presepju ħaj. Rajt rgħajja sejrin jirgħu n-nagħaġ tagħhom, min jiġbed il-baqra u xi ħmar miexi kollu ġwejjed wara sidu, tfal jiġru wara xulxin jilagħbu u jinbxu lil xulxin. Min ibiegħ il-ħalib frisk u min ibiegħ il-ħobż. Rajt koppja żagħżugħa b'tarbija f'idejhom. Ħassejt lil Ġesù jgħidli: hawn ninsab jiena, ħaj daqskemm kont ħaj ftit iżjed minn elfejn sena ilu ġewwa Betlehem. Ħobbni billi tħobb lil dawn in-nies li jien qiegħed inpoġġu quddiemek. Irgħa l-merħla tiegħi, għalhekk poġġejtek ragħaj!



Qbadt il-karrozza biex immur inqaddes, fil-lejl tal-Milled. Vjaġġ ta' tliet sigħat 'il bogħod. Jien u sejjer rajt tfal, anzjani u persuni ta' kull età, jistennew biex jidħlu fil-knisja, ħalli jiċċelebraw il-Milied bil-quddiesa u wara jieħdu ftit ħalib imħallat biċ-ċikkulata u xi rigal mingħand il-kappillan. Xeni li mlewni b'ħafna mħabba u emozzjoni u apprezzament.

Wasalt il-knisja fejn kien hemm ħafna nies jistennew il-preżenza tas-saċerdot. Qaddisna quddiesa sempliċi u qsamt ftit ħsibijiet sempliċi kemm jista' jkun dwar dan il-misteru kbir tal-imħabba t'Alla għalina, Alla mimli ħniena lejn il-poplu tiegħu, Alla li kien għadu kif ġie fostna jrid jarana ferħanin u magħqudin minkejja d-diffikultajiet tal-ħajja.

Din hija xi ħaġa żgħira mill-esperjenza tiegħi ta' dan l-ewwel Milied ġewwa Huancanè bħala isqof, fil-prelatura l-ġdida, Milied 'il bogħod mill-familja, 'il bogħod mill-ħbieb li għal dawn l-aħħar għoxrin sena qsamna flimkien il-ferħ tal-Milied li għalija huma t-tieni familja tiegħi. Kollox seħħ fis-satra tal-lejl, 'il bogħod mill-ibliet, mill-istorbju, mill-ġiri u l-ġenn tal-ħajja mgħaġġla. Għalkemm għadni ġewwa l-Perù, fejn għamilt 20 sena bħala missjunarju, ir-realtà hija tant differenti.

Kelli opportunità li nżur ħafna rħula u parroċċi fejn qegħdin naħdmu. Ħassejt il-merħba tan-nies mimlija b'imħabba u sinċerità. Ħassejt lill-Mulej miexi quddiemi jiftaħli t-toroq, il-bibien tad-djar tan-nies u fuq kollox il-bibien tal-qlub tan-nies. Nies bil-għatx għall-Kelma tiegħu, għall-preżenza tiegħu. Nies fuq ix-xwiek biex isiru jafuH. Ippermettuli li bl-istess kliem ta' Marija llum ngħid, "Għax il-Mulej għamel miegħi ħwejjeġ kbar".

**MISSION FUND:** 255, Eureka Court, Blokk A, Flat 6,Triq il-Bażilika, Mosta MST 3292 ***Ħinijiet tal-ftuħ:*** Tnejn sal-Ġimgħa 9.00 a.m. – 1.00 p.m.
**Tel:** (+356) 21413664 **E-mail:** info@missionfund.org.mt **Website:** www.missionfund.org.mt **Facebook:**www.facebook.com/missionfund.org.mt

**Reg No: VO/0015**

# IL-KARIŻMA TAL-MISSION FUND

*Dun Ġużepp Camilleri*

F'Awwissu li ġej, jekk il-Mulej irid, grupp ta' voluntiera tal-Mission Fund ser jaslu fostna biex joffru servizz umanitarju lil ħafna nies foqra li jinsabu madwarna fil-Gwatemala. Il-grupp se jikkonsisiti minn tobba, infermiera, bennejja u għalliema. Il-ħidma tat-tobba u infermiera ser tkun fl-irħula bogħod miċ-ċentru, fejn tabib rari jirfes. Niftakar li ftit ilu, kont qed inżur wieħed



minn dawn l-irħula u smajt bit-telfa ta' tifla ta' 12-il sena. Staqsejt x'kienet il-kawża ta' mewtha. Ommha mnikkta għall-aħħar resqet lejja u qaltli, "Eilli kienet qed tilgħab mas-sħabha, waqgħet, ħassha ħażin u wara ftit tal-ħin telqet fi ħdan il-Mulej."

"Fir-raħal tagħna" kompliet tgħidli, "Il-mewt tiftaħ ħalq daqsiex, b'ħarsitha titfagħna lura u tbeżżana. Tabib ma jidher qatt. Il-mediċina tiswa ħafna flus. Ftit il- bogħod minna, hawn spiżjar, iżda kif nismagħhom jgħidu, jifhem biss fil-mediċina u jagħti addoċċ minn dak li għandu. Kultant minflok ma jagħti doża ta' fejqan, imarrad iktar lil min hu marid. Għidli," qaltli, "x'nistgħu nagħmlu biex intejbu s-saħħa fostna?" Malli waqfet minn kliemha, bi ftit dmugħ f'għajnejha għat-telfa ta' bintha, għidtilha: "Jekk il-Mulej irid, f'Awwissu li gej, ser jaslu fostna tobba minn Malta. Għandi tama qawwija li ħa jkunu ta' xi għajnuna fir-raħal tagħkom". Hawn rajtha li ħadet ir-ruħ. It-tnejn ħallejna lil xulxin imfarrġin bit-tama tal-fejqan.

Wara li ħallejt lil din l-omm, imbikkma bil-mewt għal għarrieda ta' bintha, moħħi kompla jberren fuq dak li rajt u smajt. Staqsejt lili nnifsi x'nista' nagħmel biex forsi nkun ta' għajnuna. Biex infarraġ u ninsa ftit minn dak li smajt, ftakart meta dan il-grupp tal-Mission Fund kien ġie fostna fl-2007. Ħafna nies għadhom jitfarrġu bil-miġja tagħhom. Tismagħhom jgħidu, "Dawk nies, nies li mhux biss jiftaqru biex ibexxqu l-bieb ta' qalbhom, iżda jiftħuh beraħ. Fil-fatt din hija l-kariżma li biha nħoloq u twaqqaf dan il-moviment.

Waqt li qed nikteb dawn l-erba versi ħerġin mill-qalb, qed inżomm f'idejja ritratt ta' kunvent li dan il-grupp bena 14-il sena ilu. Niftakar qisu l-bieraħ, li kienet waqqfitni tfajla u staqsietni, "Dan li qegħdin tibnu għal min hu?" Jien għidtilha, "Dan kunvent għas-sorijiet Franġiskani. Jaqaw tixtieq issir soru? Għax dan mhux għalik". Hawn rajt kemm mort żmerċ. Illum, din it-tfajla li staqsietni dan il-kunvent għal min hu, hija waħda mis-sorijiet li jinsabu f'dan il-kunvent. Kull meta tarani dejjem tgħidli, "X'tifkira sabiħa ħallejtulna, intom il-Maltin".

**Tabib ma jidher qatt u l-mediċina tiswa ħafna flus.**

Sikwit nisma' kliem ta' tifħir dwar il-ħolqa żgħira iżda ġawhra li tinsab f'nofs il-Mediterran, Malta gżiritna. "Mhux ta' b'xejn," qaltli waħda persuna, "li fostkom wasal l-Appostlu tal-Ġnus. Intom mal-wasla tiegħu, saħħantuh b'ħuġġieġa ta' mħabba u hu saħħaħkom bi twemminu, u għallimkom lil min għandkom tħobbu. Qabel ma ħalliekom, intom tajtuh dak kollu li kien jeħtieġ għall-vjaġġ tiegħu. Mhux ta' b'xejn li isimkom jinsab imniżżel fuq l-isbaħ Ktieb li qatt inkiteb."

**Tħallux il-bieb ta' qalbkom imbexxaq, iżda ifitħuh beraħ u ħabtu l-bieb tal-Mission Fund**

Malta qatt ma tilfet is-siġill ta' mħabbitha. Dan jidher ċar fil-grupp tal-Mission Fund, nies li mhux biss jevanġelizzaw bil-Kelma, iżda jpoġġu fil-

prattika twemminhom. Nies li mhux biss jgħidu, "Dawn nies imsejknin u mċerċrin," iżda jmiddu idejhom biex joħolqu katina ta' mħabba fil-Knisja mxerrda mad-dinja kollha. Kemm idumu fostna, dawn in-nies ta' qalb kbira, ser jibnu ħamest idjar għal ħames familji foqra. Kull dar se tqum madwar €5,000, peress li ser tinbena fuq xogħol ta' volontarjat. Il-Mission Fund ser joffru wkoll għajnuna għal borehole għall-użu tal-isptar li hemm fil-qrib. Ħaġa sabiħa li norbtu jdejna meta nitolbu, iżda tajjeb wkoll li mmiddu jdejna biex bl-għajnuna tagħna nkunu ta' faraġ għal tant nies imnikktin. Tħallux il-bieb ta' qalbkom imbexxaq, iżda iftħuh beraħ u ħabtu l-bieb tal-Mission Fund. Naċċertakom li jiftħulkom u ser tisma' min jgħidilkom, "Tkunu Mberkin".





## DONAZZJONIJIET MOGĦTIJA MATUL L-2019

| | |
|---|---|
| Donazzjonijiet lil 92 missjunarju | € 184,000 |
| Donazzjonijiet lil 4 isqfijiet | € 16,000 |
| Boroż ta' Studju | € 1,200 |
| Proġett tal-ilma mill-Lag Victorja għall-villaġġ tal-lebbrużi fit-Tanżanija | € 48,000 |
| Bini ta' klassijiet u laboratorju fil-Kenja | € 80,000 |
| Bini ta' kappella fit-Tanżanija | € 6,000 |
| Bini ta' djar għal familji foqra fil-Pakistan | € 4,000 |
| Tiswija fil-Katidral ta' Durres fl-Albanija | € 3,000 |
| Bini ta' djar għal familji foqra fil-Filippini | € 1,000 |
| Donazzjonijiet mogħtija waqt l-esperjenza missjunarja fil-Kenja | € 7,700 |
| **TOTAL** | **€ 368,900** |

**Il-Kumitat tal-Mission Fund jixtieq jirringrazzja lill-benefatturi kollha tal-Mission Fund għall-ġenerożità kbira tagħkom. Il-Mulej ipattilkom għal mitt darba aktar.**

## APPELL

F'din is-sitwazzjoni li qed ngħixu fiha minħabba l-minxija tal-coronavirus, aħna kellna nħassru l-attivitajiet kollha ta' ġbir ta' fondi skont ir-rakkomandazzjoni tal-awtorità tas-saħħa. B'konsegwenza ta' hekk, qed ikollna nuqqas sostanzjali ta' fondi. Għalhekk qed nappellaw biex tkomplu tkunu ġenerużi magħna ħalli nkunu nistgħu nkomplu ngħinu lill-ħutna l-missjunarji Maltin u Għawdxin li qed jaħdmu f'madwar 40 pajjiż imxerrda mad-dinja kollha.

Id-donazzjonijiet tagħkom jistgħu jsiru permezz ta':

(i) depożitu bankarju f'wieħed minn dawn il-kontijiet:
**BOV: 163 007 980 19** **APS: 200 008 207 62** **BNF Bank: 000 879 631 01**

(ii) donazzjoni online minfuq il-websajt: **www.missionfund.org.mt/donate**

(iii) ċekk jew money order (maħruġ mill-Posta) pagabbli lill-Mission Fund. Dawn għandhom jintbagħtu lil Mission Fund, 255, Eureka Crt, Blk A, Flt 6, Triq il-Bażilika, Mosta MST 3292, flimkien ma' din il-formula t'hawn taħt:

---

Qed nibgħat offerta ta: ' **€** ________ biex ngħin lill-missjunarji Maltin u Għawdxin.

**ISEM:** ____________________ ____________________________________________

**INDIRIZZ:** ____________________________________________________________

_____________________________________________________________________

**TEL/MOB:** ________________________ **EMAIL:** __________________________

**NOTA: Jiena, hawn taħt iffirmat, nagħti l-kunsens tiegħi biex il-Mission Fund iżżomm id-dettalji personali tiegħi li jidhru hawn fuq, biex inkun nista' nirċievi l-pubblikazzjonijiet tal-Mission Fund.**

Firma ____________________________